**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT- TLIETA, 30 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 609/01 AE**

**Citadel Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Salvino Zammit, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Salvino Zammit**

**vs**

**Manuel Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija u erba' u sittin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm564.34) jew ammont verjuri, rapprezentanti

danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Awissu 1999 fi Triq Carmelo Caruana, Zurrieq bejn il-vettura numru KBB 594 misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-marka Ford FAD 989 misjuqa u propjeta ta' l-attur.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident in kwistjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. L-incident awtomobilistiku sehh fil-5 ta' Awissu 1999 gewwa Triq Carmelo Caruana, Zurrieq.

2. Il-vettura misjuqa mill-attur (Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni FAD 989) kienet qeghda tinstaq mid-direzzjoni ta' l-iskola. F'hin minnhom l-attur waqqaf il-karrozza tieghu quddiem garaxx li hemm fl-istess triq sabiex nizlet il-passigier li kienet riekba fil-vettura.

3. Il-konvenut ipparkja l-vettura tieghu (bin-numru KBB 594) quddiem entratura li hemm ghal Venue Snack Bar li tinsab fil-bokka ta' Triq

Carmelo Caruana, Zurrieq. Ikkonferma li l-vettura tieghu kienet ipparkjata fuq in-naha minn fejn giet il-vettura misjuqa mill-attur, u kienet qeghda thares fid-direzzjoni ta' l-iskola (igifieri *wrong side*).

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu responsabblita ghall-akkadut, u dan peress li qala' l-barra mill-*parking* meta ma kellux. Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-konvenut ipprova jaghti l-impressjoni li l-vettura tieghu kienet wieqfa mill-hin li nizlet il-passiggier mill-vettura Escort FAD 989 sakemm grat il-habta, it-Tribunal m'huwiex konvint minn din il-verzjoni. It-Tribunal josserva li:

   (i) Ix-xhud Antonella Pace, li dakinhar ta' l-incident kienet riekba fil-vettura tal-konvenut, iddikjarat li rat il-vettura ta' l-attur tieqaf quddiem garaxx li hemm fi Triq Carmelo Caruana u minnha nizlet tifla, waqt li ***"jiena u l-gharus konna ghadna dehlin fil-karrozza taghna"*** (seduta tas-17 ta' Ottubru 2001). Hija tikkontradici dak li qal il-konvenut li kien diga' fil-karrozza meta ra l-vettura misjuqa mill-attur gejja mill-faccata tieghu u li *"peress li jiena rajt il-vettura gejja mid-direzzjoni tieghi jiena ghalhekk waqqaft il-karrozza u lbist is-seat belt"* (xhieda tal-konvenut fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2001).

   (ii) Mill-iskizz (fol. 28) jirrizulta li l-konvenut qala' mill-posizzjoni ta' *parking*;

(iii) Skond ir-rapport redatt mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (fol. 27) jinghad li fil-hin ta' l-incident *"Car No. KBB 594 which was parked in same street was being driven away"*.

Il-prudenza kienet titlob li qabel il-konvenut ma' jaqla' mill- *parking* kellu (wara kollox kien ipparkjat *wrong side* u kien ser jaqsam il-karreggjata tal-vetturi gejjin mill-faccata) jaghti precedenza lill-vettura ta' l-attur.

5. Min-naha l-ohra, fil-fehma tat-Tribunal kien hemm ukoll kontributorjeta ghall-incident min-naha ta' l-attur. L-attur iddikjara li meta waqqaf il-karrozza u nizlet it-tifla tieghu, *"lill-vettura tal-konvenut rajtha. Fiha kien hemm il-konvenut u tfajla riekba fuq quddiem hdejh"*. Kompla , ***"Ghandi nghid li jiena l-habta ma rajthiex issehh u fil-hin ta' l-impatt kont qieghed inhares lagemba biex nara kienux gejjin karrozzi minn warajja"***. Huwa minnu li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet qeghda pparkjata *wrong side* u qabel ma qala' kellu l-obbligu li jizgura li ma jikkrejax ostakoli ghall-vetturi gejjin mid-direzzjoni li minnha kienet gejja l-vettura misjuqa mill-attur. Pero' l-ammissjoni da parti ta' l-attur li ma rax il-habta ssehh ghaliex kien qieghed ihares lagembha, ma tistax tezonerah mir-responsabbilta ghall-incident stante li huwa ma rax dak li kien *"in plain view"* ghalih. Is-sewqan diligenti kien jitlob li qabel ma' jaqla' l-attur kellu jhares u jesplora jekk kienx gej traffiku minn warajh, pero' m'huwiex gustifikat li jsuq il-karrozza u jhares lagembha b'mod li qieghed lilu nnifsu fl-impossbilita li jiehu azzjoni

meta nqalghet emergenza subitaneja. Mill-provi rrizulta wkoll li mumenti qabel il-habta l-konvenut daqq il-horn sabiex jattira l-attenzjoni tal-attur, pero’ rrizulta li dan baqa’ hiereg.

6. It-Tribunal jasal ghal konkluzjoni li l-attur ghandu jsofri terz tal-htija ghall-incident in kwistjoni.

7. Illi fl-ebda stadju tal-proceduri ma gie kkontestat il-valur tad-danni reklamati mill-attur. Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li d-danni sofferti huma fl-ammont ta’ hames mija u erbgha u sittin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm564.34) [ara fol. 24, 32, 33,34 u 35).

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jiddikjara li l-konvenut kien responsabbli in parti ghall-incident awtomobilistiku li sehh gewwa Triq Carmelo Caruana, Zurrieq fil-5 ta’ Awissu 1999 qieghed jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett mija u sitta u sebghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm376.22).

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**.